MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003

Appell Civili Numru. 2286/1997/1

**Pauline Mercieca**

**vs**

**Christopher Degabriele u b'digriet tal-15 ta' Jannar 2002 stante l-mewt tal-konvenut il-gudizzju gie trasfuz fl-ismijiet ta' Mattew u Consiglia konjugi Degabriele kif ukoll George u Silvio ahwa Degabriele**

**Il-Qorti,**

Fit-8 ta' Novembru, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghal hlas ta' somma ta' hames mija u dsatax-il lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm519.25) liema ammont jirraprezenta kwantu ghas-

somma ta’ sitta u erbghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm46.25) somma flus li ngabret mill-haddiema tal-Bogner Ltd. li nzammet ingustament u illegalment mill-konvenuti Mattew u Consiglia Degabriele u kwantu ghas-somma ta’ erba’ mija u tlieta u sebghin lira maltin (Lm473.00) li tirraprezenta l-passagg ta’ l-ajru “Malta-Inghilterra-Malta”, pagi u bonus li l-attrici tilfet meta telghet l-Inghilterra tassisti lill-konvenut Christopher Degabriele ghall-kura medika tieghu mis-27 ta’ Gunju sas-7 ta’ Awissu 1999.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-21 t’Ottubru 1997, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Christopher Degabriele fejn eccepixxa illi:-

1 It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michudin bl-ispejjes kontra l-istess attrici;

2 Filwaqt li l-konvenut kien u ghadu marid u l-partijiet kienu johorgu flimkien, kienet l-istess attrici li kienet tigi minn rajha minghajr hadd ma sfurza biex tkun taf x’ghandu u/jew m’ghandux il-konvenut;

3 Apparti mis-suespost kienu l-genituri tal-istess konvenut li taw lill-attrici flus ghal uzu taghha kif ukoll hadu hsieb fejn toqghod u tiekol frank, liema haga l-attrici qed tevita kompletament;

4 Apparti mis-suespost, il-flus li ingabru kienu ghal bzonn tal-konvenut in vista tal-mard li kellu u ghad ghandu, tant li, apparti mill-fatt li sallum l-attrici zammet fil-pussess taghha u b’mod abbuziv ir-rigali kollha tal-‘engagement’ li ma tridx tirritornahom lura, l-parti l-kbira ta’ dan l-inkwiet sija fil-present kif ukoll qabel hu tal-omm tal-attrici;

5 Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-deposizzjoni ta' Christopher Degabriele moghtija quddiem il-Magistrat Supplenti fil-15 ta Frar 2002.

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi ghalkemm il-konvenuti, Matthew u Consiglia konjugi Degabriele, ma ppresentawx eccezzjonijiet formali u lanqas ma vverbalizzaw xi kontestazzjoni ghat-talba attrici, l-attendenza taghhom matul dawn il-proceduri u d-deposizzjoni taghhom in kontestazzjoni ta dak allegat mill-attrici ghandha titqies sufficjenti bhala kontestazzjoni f'dawn il-proceduri ta natura sommarja.  Inoltre bit-trasfuzzjoni tal-gudizzju fil-persuni taghhom minflok il-mejjet binhom, il-konvenut l-iehor Christopher Degabriele, dawn l-istess konjugi llum dahlu fil-libsa ta' binhom u l-eccezzjonijiet minnhu sollevati illum saru taghhom.

Il-kontendenti jaqblu illi meta l-konvenut Christopher Degabriele kien gie sottopost ghal intervent kirurgiku u rikoverat fi Sptar fl-Inghilterrra, l-attrici kienet effettivament siefret mieghu biex, flimkien ma ommu, tassistieh u tiehu hsieb il-bzonnijiet tal-pazjent.

Ma jirrizultax ikkontestat illi l-attrici hallset hija stess ghall-biljett tal-vjagg bl-ajru u damet imsiefra ghall sitt gimghat matul liema perijodu ma kienetx evidentement dahlet ghax-xoghol fil-fabbrika f'Malta ta' Bognor Limited.

Lanqas ma hemm kontestazzjoni dwar l-ammont li sborsat u li ma qalghetx l-attrici u dawn jikkonsistu fis-somma ta' LM150 ghall-vjagg bl-ajru, LM294 telf ta' paga ghal sitt gimghat bir-rata ta' LM98 kull hmistax il-jum, u l-bonus ta' LM52 kull sitt xhur li, pro rata ghaz-zmien li l-attrici ma hadmetx, jammonta ghal LM12. Ghalhekk b'kollox l-attrici tilfet ammont komplessiv ta' erba mija sitta u hamsin lira Maltin  (LM456).

Jirrizulta ukoll li matul iz-zmien li l-attrici ghamlet fl-Inghilterra, kienu l-konvenuti li hadu hsieb tal-allogg, ikel u bzonnijiet ohra taghha billi hallsuha bi sterlini.

Lanqas ma hemm kontestazzjoni dwar il-fatt li persuni li jahdmu mal-attrici kienu gabru s-somma ta’ LM46.25 biex jassistu lill-konvenuti fl-ispejjes relattivi ghall-kura ta’ Christopher Degabriele fl-esteru.

Dak li qed jigi kkontestat huwa d-dritt allegat mill-attrici li tigi kkompensata ghall-flus li tilfet u sborsat biex tat l-assistenza lill-konvenuti u li ma jinkludux xi talba ghal xi kumpens ghas-servigi effettivament rezi.

L-attrici u l-konvenut Christopher Degabriele, dak iz-zmien ta’ meta kellha tinghata l-assistenza u anke ghal zmien wara, kienu gharajjes b’mod formali u ghalhekk wiehed jifhem li ma kienx sar ftehim bil-miktub u lanqas ma kienet saret xi enfasi kbira dwar min kellhu jbati l-ispejjes in konnessjoni mal-kura tal-konvenut.

Ghalhekk sabiex jista jigi stabbilit x’seta kien sottointiz u miftiehem mill-kontendenti, irid isir ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Huwa rilevanti li jinghad mill-ewwel illi meta persuna ma tippretendix kumpens ghas-servigi u assistenzi rezi dan ma jimplikax li ghall-ispejjes li tkun dahlet ghalihom biex tghati l-assistenza ma tkunx intitolata ghar-rimbors taghhom. Infatti l-presunzjoni logika hija li l-offerta ta’ assistenza u servigi ma timplikax rinunzja ghall-ispejjes konnessi ma tali assistenza li jirreferu biss ghall-ispejjes ta’ vjagg, allogg u manteniment matul il-kura izda ma jinkludux bil-fors xi telf ta qligh matul l-istess assistenza.

Ghalhekk f’nuqqas ta’ prova kuntrarja l-attrici ghandha tigi rimborsata ghall-ispejjes tal-vjagg kif fil-fatt giet rimborsata jew ipprovduta minn allogg u flus ghall-manteniment mill-konvenuti.

Ghal dak li jirrigwarda t-talba tal-attrici ghat-telf ta' qligh hemm diversi cirkostanzi li jimmilitaw favur il-versjoni taghha.

Minhabba li kienet tifhem il-lingwa ingliza, omm il-konvenut kellha bzonn assolut tal-assistenza taghha fl-Inghilterra, senjatament fil-kuntatti mal-addetti tal-isptar. Infatti Consiglia Degabriele tistqarr li "*ridt lil xi hadd iehor – jiena ma stajtx nitla wahdi ghaliex ma nafx bl-ingliz"* u din kienet taf, minhabba ir-relazzjoni stretta ta' l-attrici ma' binha, li l-attrici kellha bil-fors titlef ix-xoghol.

Ghalkemm il-konvenut, Mattew Degabriele, jallega li l-flus li ngabru minn fuq il-post tax-xoghol tal-attrici kienu ngabru b'inizjattiva ta' xi habiba ta' ibnu, dan ma hu xejn verosimili billi l-impjegati l-ohra kollha li kkontribwew kienu jafu lill-attrici biss. Ghalhekk il-fatt li dawn inghataw lill-konvenut u mhux lill-attrici jimplika li kien sottointiz li kien il-konvenut li kellu jaghmel tajjeb ghall-ispejjes kollha anke ta' dawk li kellha tbati l-attrici. Infatti dawn l-impjegati iddikjaraw ruhhom f'dan is-sens bid-dikjarazzjoni nkontestata a fol. 14 (tal-process).

Mid-deposizzjoni ta' l-konvenuta jirrizulta ukoll li l-pretensjoni ta' l-attrici mhiex marbuta ma' thassir ta' l-gherusija taghha ma' binha, billi hi stess tikkonferma li kif l-attrici rritornat f'Malta, meta kienet ghadha gharusa u kif damet ghal zmien wara, mill-ewwel talbet li tigi kkumpensata ghat-telf li sofriet.

Inoltre, il-konvenut Mattew Degabriele, ma jikkontestax dak li tallega l-attrici u xhieda minnha prodotti, li kien obbliga ruhhu li jaghmel tajjeb ghall-ispejjes kollha, anzi jsostni li bil-liri sterlini vversati lill-attrici fl-esteru din kellha tkun ikkumpensata ta' kollox u sodisfatta minn dak kollu li kienet tippretendi.

Ghaldaqstant, billi is-somma ta' LM46.25 ghandhom jitqiesu bhala sewwa mhallsa lill-konvenut li kellu jagamel tajjeb ghall-ispejjes kollha, tichad it-talba attrici ghar-rifuzjoni tal-istess somma u tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' erba mija sitta u hamsin lira (LM456) kif

hawn fuq likwidata bhala telf ta' qligh u tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu din is-somma lill-attrici,bl-imghax legali mis-6 ta Novembru 1999.

Bl-ispejjes jithallsu in kwantu ghall decima parti ($^{1}/_{10}$) mill-attrici u disa decimi ($^{9}/_{10}$) mill-konvenuti."

Minn din id-decizjoni appellaw il-konvenuti konjugi Degabriele bl-aggravju konsistenti prettament minn kritika tal-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti. Huma jissottomettu illi l-attrici ghazlet li takkompanja lil binhom ghall-kura fl-Ingilterra minhabba li kellha "interess personali", qed tippretendi hlas "wara li hassret" l-gherusija, ma qdietx il-kompitu ta' interpretu li kellha taghmel, u dippju giet moghtija flus minnhom waqt is-soggorn taghha fl-Ingilterra.

Fir-risposta ta' l-appell taghha l-attrici appellata wiegbet illi l-Qorti ta' l-ewwel grad sewwa u korrettement analizzat il-provi u li allura ma kienet tezisti l-ebda raguni biex issa din il-Qorti tissostitwixxi l-apprezzament taghha ta' dawk il-provi jew li tiddisturba l-konkluzjoni raggunta.

Indubbjament dak ritenut mill-appellata jinsab konkordament ricevut fil-gurisprudenza taghna in materja ta' servigi, anke jekk il-materja 'de qua' ma titrattax strettament u ghal kollox minn kwestjoni bhal din.

Intqal f'dan il-kuntest fid-decizjoni fl-ismijiet "**George Portelli –vs- Nicola Galea**", Appell Civili, 23 ta' Jannar 1959 (**Vol XLIII pI p66**) illi skond prattika kostanti l-Qorti ta' l-Appell "ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni, jekk mhux meta tkun manifestament zbaljata, jew ghal ragunijiet gravi. Jekk ma tirrikorrix xi wahda kienu dawn ir-ragunijiet, id-diskrezzjoni uzata mill-ewwel Qorti tibqa' inalterata, jekk is-sentenza kontenenti dik id-diskrezzjoni tigi appellata".

Mill-kumpless kollu tal-provi din il-Qorti hi tal-ferma konvinzjoni illi d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti giet sew mizurata u allura mhux il-kaz li l-konkluzjoni raggunta fis-sentenza appellata tigi varjata.

L-azzjoni ezercitata mill-attrici hi indirizzata ghall-irkupru tal-ispejjez tal-passagg u biex tigi rimborsata ghat-telf minnha subit f'paga u bonus ghal perijodu li matulu hi assistiet lill-ex-gharus taghha waqt li kien qed jircievi trattament mediku fl-Ingilterra. Kif minnha mistqarr: "Jien accettajt li nitla' bil-kondizzjoni illi l-genituri ta' l-gharus tieghi jhallsuli l-passagg u jaghmlu tajjeb ghal dak kollu li kont ser nitlef biex immur l-Ingilterra" (xhieda taghha a fol 7 tal-process).

Jidher mid-dikjarazzjoni ta' John Mercieca (fol 11), missier l-attrici, illi dik il-kundizzjoni kienet giet accettata mill-appellanti Matthew Degabriele li offra li jaghmel tajjeb ghal dak kollu li kienet ser titlef bintu.

Kif kostatat ukoll mill-ewwel Qorti dan l-appellant ma jikkuntrastax din ix-xhieda ta' missier l-attrici. Huwa jsostni biss illi lill-attrici kien ta sitt mitt lira sterlina ghall-finijiet tal-vjagg taghha fl-Ingilterra, ghalkemm jilmenta wkoll illi l-attrici, imbaghad, ma tatux rendikont ta' kif nefqithom u lanqas ipprovdietlu ricevuti. (Ara deposizzjoni tieghu a fol 60). Tajjeb li jigi hawn precizat, anke ghaliex dan jinsab konfessat mill-appellanti l-ohra Consiglia Degabriele (fol 32), illi dawn il-flejjes moghtija lill-attrici kienu ntizi ghall-"bzonnijiet taghha" u "biex ikollha biex tghix".

L-ewwel Qorti sewwa irrilevat illi l-attrici ma hijiex qed tippretendi hlas ghal servigi rezi u din il-pretensjoni taghha lanqas ma hi marbuta mat-thassir ta' l-gherusija ma' Christopher Degabriele. Hi gustament qieset l-azzjoni tal-attrici bhala prosegwiment tal-kondizzjoni accettata u tal-promessa lilha maghmula tar-rifuzjoni tal-ispejjez tal-vjagg u tat-telf subit bhala salarju ghal perijodu tas-soggorn taghha fl-Ingilterra ghall-iskop aktar il-fuq riferit.

In tema ta' dritt il-weghda hekk maghmula kellha ssarraf f'dik l-obbligazzjoni perfetta kapaci li taghti lill-attrici d-dritt li ggieghel lill-konvenuti jadempuha kif imiss, u dan bil-mezzi kollha tal-ligi.

Fuq l-awtorita` ta’ **Donello**, jinsab insenjat mill-**Laurent** (“Principii di Diritto Civile”, Vol XV para 424) illi “l’obbligazione e` un vincolo; l’espressione latina e piu` energica “vinculum”; un legame (une chaine); quegli che e` legato (enchaine) non puo` sfuggire al potere di colui che lo tiene nei legami … … Colui, a favore del quale essa si e` impegnata a fare o a dare, puo` condurla innanzi ai tribunali e farla condannare a prestare cio` cui essa e` tenuta; e essa non e` liberata da questo legame, i suoi ceppi non sono infranti che quando ha adempiuto la prestazione … … e` un vincolo di diritto che stringe il debitore … .. esso priva il debitore della sua liberta` o la diminuisce; essendosi obbligato, egli non e` piu` libero, egli ha abdicato la sua liberta`, e puo essere costretto dalla forza pubblica ad adempiere ai suoi impegni. Di che si legnerebbe egli? Egli stesso si e` obbligato”.

Jidher li l-ewwel Qorti wara li rriflettiet sew fuq il-provi akkwiziti sabet li kien jirrikorri dan il-vinkolu. Minn dan jitnissel illi jekk kien hemm ftehim guridikament vinkolanti tigi li l-pretensjoni tal-attrici kienet sewwa fondata. Kif sewwa wkoll irragunat dik il-Qorti illi r-rinunzja ghar-retribuzzjoni ma ghandhiex tigi facilment presunta jew assunta.

Ghal dawn il-motivi u in konsegwenza ghal konsiderazzjonijiet kollha fuq esposti l-appell imressaq mill-konvenuti appellanti qed jigi michud, bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-istess appellanti. Dawk tal-ewwel Qorti jibqghu kif decizi fis-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------